MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Numru. 83/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Freddie Joe Buttigieg ta’ 17-il sena bin Alfred u l-mejta Rose nee’ Azzopardi,
imwieled Victoria, Ghawdex fl-1 ta’ Marzu, 1989 u residenti “Dura”,
Triq Filfla, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 14089(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Freddie Joe Buttigieg li gie akkuzat talli fl-10 ta’ Jannar, 2005 wara nofs inhar, fl-Mgarr, Ghawdex, ikkommetta reat ta’ serq ta’

oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAA-083 tal-ghamla Seat Ibiza ta' kulur abjad, ghad-detriment ta' Sandro Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271, u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjentement fil-Gzejjer Maltin laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' oggetti misruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta' Sandra Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli matul il-lejl tal-31 ta' Dicembru 2004 u l-1 ta' Jannar 2005 fil-Qala, Ghawdex, ikommetta r-reat ta' serq ta' mutur bin-numru tar-registrazzjoni FBD-318 tal-ghamla Yamaha Bop ta' kulur ahmar, ghad-detriment ta' Jason Vella mill-Qala, Ghawdex, liema serq hu agggravat bix-xorta tal-haga misruqa, ai termini tal-Artikoli 261, 271 u 281, tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi, xjenetement fil-Gzejjer Maltin laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' oggetti misruqa minn vettura hawn fuq imsemmija a detriment ta' Sandro Buttigieg mir-Rabat, Ghawdex, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap.9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat Freddie Joe Buttigieg maghmula ghar-rigward ta’ l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi migjuba kontra tieghu u cioe’ l-akkuzi dwar ir-reat tas-serq aggravat, izda mhux dwar ir-reat tar-ricettazzjoni. Semghet illi l-imputat irriafferma l-ammissjoni tieghu u dana wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jaghmel dan;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat dwar ir-reat ta’ serq aggravat (l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu), il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-istess. Illi dwar ir-reat ta’ ricettazzjoni (it-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuzi) mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni dan ir-reat ma giex ippruvat u kwindi l-imputat qed jigi liberat mill-istess;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali netta tieghu u l-eta’ tenera ta’ l-istess imputat.  Il-Qorti sejra tkun klementi mal-imputat peress illi din hija l-ewwel darba illi huwa xellef difrejgh mal-gustizzja u sabiex huwa jinghata opportunita’ jirrealizza illi t-triq tad-delinkwenza ma tistax iggib l-ebda frott f’hajtu;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 271, 281 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda fuq ammissjoni ta’ l-imputat issibu hati ta’ l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (u cioe’ tar-reat ta’ serq aggravat) u tilliberah mill-akkuzi tar-ricettazzjoni. Izda bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qeghda tillibera lill-hati bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti qeghda twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------